MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Numru. 709/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Martin Debono**

**Yves sive Bobby Cali'**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Martin De Bono** ta' 52 sena, bin Frank Anthony u Mary Yvonne nee' Rizzotti, imwieled Sliema fit-28 t'

April 1959, residenti fi 19, Flat 2, Triq Dingli, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 434259(M) ;

u

**Yves sive Bobby Cali'** ta' 64 sena, bin Charles u Yvette nee' Serge, imwieled San Giljan fid-9 ta ' Frar 1947, residenti fi 15, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 16247(M) fejn huma gew akkuzati:

Talli f' dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Settembru 2010 fil-jiem u x-xhur ta' qabel, minghajr awtorizzazzjoni, immodifikaw taghmir jew provvisti tal-*computer* li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f' xi *computer,* sistema ta' *computer* jew *computer network,* u dan bi hsara ghal xi funzjoni jew attivita' tal-Gvern;

Kif ukoll talli bejn it-30 ta' Settembru 2010 u l-14 ta' Jannar 2011, minghajr awtorizzazzjoni, hadtu pussess ta', ghamiltu hsara fi jew qerdu xi *computer,* sistema ta' *computer, computer network,* jew provvisti ta' *computer* li jintuzaw jew huma mahsubin li jintuzaw f' xi *computer,* sistema ta' *computer* jew *computer network* jew hassartu t-thaddim ta' xi wiehed minnhom, u dan bi hsara ghal xi funzjoni jew attivita' tal-Gvern;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprjaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalhom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhkom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadu u

zammew ghandhom taghmir jew provvisti tal-*computer* ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, liema taghmir jew provvisti tal-*computer* kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghkom, jew minhabba depozitu necessarju;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' taghhom ta' Kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, ghal xi vantagg privat taghhom, ghamlu uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti, jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilhom minhabba l-kariga jew impjieg taghhom, jew serquhom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 19 t' Ottubru 2012 (esebita a fol 662) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-Artikoli 337D(a), 337F(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) fl-Artikoli 337D(b), 337F(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) fl-Artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) fl-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet Ta' Malta;
e) fl-Artikoli 17,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tas-26 t' Ottubru 2012 l-imputati wiegbu li huma m' ghandhomx oggezzjoni lil-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghat it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. F' Settembru u f' Ottubru tas-sena 2010 l-iSpettur Angelo Gafa'[1] fi hdan l-Economic Crimes Unit tal-Korp tal-Pulizija rcieva zewg ittri anonimi, l-ewwel ittra kienet tikkoncerna kuntratti tal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema filwaqt li fit-tieni ittra kien hemm informazzjoni dwar xiri ta' laptops tad-ditta Apple mill-imputati fil-kawza odjerna li dak iz-zmien kienu jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema u li skond din l-informazzjoni kienu xtraw il-laptops minn fondi tal-Kunsill u haduhom d-dar u mbaghad irritornawhom il-Kunsill minghajr il-hard drives relattivi l-ghada li l-kwistjoni kienet tqajmet waqt laqgha tal-Kunsill. Wara li l-Pulizija rceviet din l-informazzjoni nbdiet investigazzjoni fejn huma kellmu diversi persuni in konnessjoni ma' dan il-kaz. Meta kellmu lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, Svetlana Curmi, irrizulta li fil-fatt il-Kunsill kien xtara dawn iz-zewg laptop computers minghand Marius Mac Services tramite l-agent lokali Klikk fis-sena 2010 ghall-prezz ta' €1163 il-wiehed u li dawn il-laptops ma kienux registrati mal-fixed assets li kellu l-Kunsill. L-accountant tal-Kunsill Christian Vella qal lill-Pulizija li ma kienx jaf x' kienu dawn il-laptop computers li nxtraw mill-Kunsill u ndika li waqt laqgha tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2010 kien semma' li nxtara computer hardware u software li ma kienx jinstab fl-ufficju tal-Kunsill u prezenta l-invoices relattivi. Waqt l-istess laqgha ssemma' wkoll memo

[1] Vide xhieda waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2011.

datat 2 ta Settembru 2010 mibghut minn Martin Bugelli mid-Dipartiment tal-Kunsilli u Gvern Lokali lil Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Ghawdex li kien jindika li oggetti bhal laptops li kienu jinstabu barra mill-premises tal-Kunsilli kellhom jigu registrati fil-Fixed Asset Register. L-ghada tal-laqgha msemmija z-zewg imputati hadu l-laptop computers li kienu fil-pussess taghhom minghajr hard drives lill-Kunsill sabiex jigu registrati u mbaghad ritornati lilhom halli jkomplu jahdmu fuqhom. Wara din il-laqgha is-Sindku ta' dak iz-zmien Dr. Joanna Gonzi talbet sabiex tingieb informazzjoni rigwardanti l-computers in dizamina minghand is-Sindku ta' qabel Nikki Dimech u s-supplier ta' dawn il-laptop computers. Waqt laqgha sussegwenti tal-Kunsill l-imputat Martin Debono kien qal li kemm hu kif ukoll l-imputat Cali' kienu hallsu parti mill-prezz tal-laptops minn buthom u kien ghalhekk li nehhew il-hard drives qabel ma haduhom sabiex jigu registrati. Irrizulta li fil-fatt il-prezz tal-laptop computers thallas minn flus tal-Kunsill permezz ta' cheques.

Is-Segretarju tal-Kunsill qalet lill-Pulizija li ma kienet sabet ebda dokument li jindika l-approvazzjoni tax-xiri ta' dawn il-laptop computers. Il-Pulizija kellmu lil Marius Zulgis li huwa l-proprjetarju tad-ditta Marius Mac Services fejn dan ikkonferma li kien ghadda dawn iz-zewg laptops lill-imputati. Huwa kkonferma wkoll li l-invoice kienet inharget bhala computer hardware and software u li gie mitlub jaghmel hekk minn impjegata mara tal-Kunsill li ma kienx jaf min kienet. Huwa qalilhom ukoll li meta kkonsenja l-laptop computers dawn kienu godda fil-kaxxa ssiggillata u kompluti b' kollox u li hadd mill-imputati ma kien xtara xi hardware addizzjonali minghandu izda zied jghid li l-imputati kienu tawh tip ta' hamsa u ghoxrin Ewro (25) talli gabilhom il-laptop computers mill-ewwel. Irrizulta li fil-fatt Zulgis kien installa xi software fuq dawn il-computers minhabba li l-imputati kienu talbuh programmi specifici

ghalihom. Meta l-Pulizija kellmu lil Anthea Borg li kienet id-Deputat Segretarju tal-Kunsill meta nxtraw il-computers hija qaltilhom li ma kienet ngabet ebda quotation qabel ma dawn inxtraw u li ma kinitx rathom fizikament.

Wara din l-investigazzjoni preliminari nhareg Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfronti taz-zewg imputati u saret tfittxija fir-residenzi taghhom fejn instabu l-hard drive, il-power supply u software package ta' dawn iz-zewg laptop computers. Meta l-Pulizija kellmu lill-imputat Martin Debono huwa stqarr verbalment li kien xtara hard drive minghand Marius Zulgis izda meta rrilaxxja l-iStqarrija bil-miktub huwa ghazel li ma jirrispondiex ghal maggor parti tal-mistoqsijiet li sarulu filwaqt li l-imputat Yves Cali ghazel li jirrispondi ghall-mistoqsijiet u kkonferma li huwa kellu fil-pussess tieghu l-imsemmi laptop computer sabiex jaghmel xoghol relatat mal-Kunsill Lokali. Huwa qal ukoll li ghalkemm kien prezenti waqt il-laqgha tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2010 huwa ma kienx cert jekk kinitx qed issir referenza ghal dawn il-computers jew ghal ohrajn. Huwa kien ikkonferma li fil-fatt kien irritorna l-laptop computer li kien fil-pussess tieghu l-ghada tal-laqgha flimkien ma' dak tal-imputat Debono sabiex dawn jigu registrati u kompla jghid li kien nehha l-hard drive minhabba li kien hallas parti mill-prezz minn butu fejn hallas €250 izda ma kellux ricevuta. Meta saret l-analizi tal-hardrive li nstabet ghand l-imputat Martin Debono irrizulta li din kienet giet accessata fis-17 ta' Dicembru 2010 u li ghalhekk kompliet tintuza wara li l-computer kien gie ritornat lura lill-Kunsill[2]. Irrizulta li l-imputat Debono kellu diversi sistemi ta'

[2] L-iSpettur Gafa esebixxa diversi dokumenti relatati mal-kaz fejn dok AG 1 juri purchase request form, ghal xiri ta' zewg computers fejn kienu thallsu minn cheque 11018 mahrug mill-Kunsill Lokali pagabbli lil Marius Mac Services. Dok AG 2 huwa purchase request form bin-numru 201/2010 mhallsa b' cheque 11152 pagabbli lil Marius Mac Services li jirrigwarda x-xiri tat-tieni kompjuter. Dok AG 3 huma l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill tat-29 ta' Settembru 2010 (a fol 65). Dok AG 4 (a fol 70) li juri l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill datata s-7 t' Ottubru 2010 fejn hemm stabbiliti li l-computer hardware u software huma l-laptops li kienu gew ritornati lura mill-imputat Cali lil Kunsill. AG 5 (a fol 81) huwa r-rapport tal-Awditur datat id-29 t' Ottubru 2010 fejn

computers tal-marka Apple konnessi max-xoghol privat tieghu. Martin Debono qal lill-Pulizija li huwa xtara l-ewwel hard drive minghand l-iScan izda wara semma lil Marius Zulgis izda dan tal-ahhar kien innega li fil-fatt kien inxtara xi hardware minghandu precedentement. Mill-minuti tal-laqgha tal-Kunsill tal-21 t' April 2010 jirrizulta li giet diskussa (ara para' 5.1 f' dok AG 3 a fol 68) fost affarijiet ohra l-approvazzjoni tal-invoices ta' computer hardware and software fejn il-Kunsill kien approva unanimament ix-xiri ta' dawn iz-zewg computers. F' Jannar tal-2010 kien inxtara laptop computer Acer Aspire li ma kienx tajjeb bizzejjed ghax-xoghol tal-Kunsill u dan kien gie ritornat u gie deciz li jinxtraw zewg laptop computers ohra. Skond il-minuti tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2010 (seduta numru 18) l-Awditur tal-Kunsill kien iddikjara li l-assi tal-Kunsill kienu korretti. Iz-zewg laptop computers in dizamina baqghu ghand il-Kunsill sakemm gew elevati mill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet indikati.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2011 xehdet Svetlana Curmi li kienet is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill ta' tas-Sliema li spjegat li meta dahlet f' din il-kariga f' Mejju tal-2010 sar mid term audit minn Grant Thorton li huma awdituri mqabdin mill-Gvern. L-awdituri kienu gibdulha l-attenzjoni li kien hemm computer hardware and software li nxtara fi Frar u Marzu tal-2010 li ma setghux isibu tracca taghhom fil-premises tal-Kunsill fejn ghalkemm instabu l-invoices relattivi ma nstabitx l-awtorizzazzjoni sabiex dawn il-laptop computers jinhargu barra mill-Kunsill. Gie osservat mill-awdituri li l-procedura sabiex jinxtara il-computer hardware u software

indikaw li ma kienux jistghu jintraccaw zewg computers. Waqt li dokumenti (a fol 91 et seq.) AG 6 sa AG19 huma dokumenti relatati mal-investigazzjoni tal-pulizija fuq dawn l-imputazzjonijiet. Waqt li dok AG 20 huma z-zewg laptops li kienu fil-pussess tal-imputati li gew ritornati lill Kunsill. Waqt li dok AG 21 u dok AG 22 huma oggetti li gew elevate mir-residenzi tal-imputat Debono u Cali' rispettivament.

ma kinitx saret kif suppost minhabba li sabiex jinxtraw oggetti permezz ta’ direct order minghand l-istess supplier irid jghaddi perjodu ta’ erba’ xhur qabel jerga’ jinxtara xi haga ohra u dan ma sarx. Ir-rapport gie diskuss waqt il-laqgha tal-Kunsill tad-29 ta’ Settembru 2010 (dok AG 3 a fol 65 sa fol 69) u l-accountant Christian Vella li kien prezenti ghall-laqgha spjega x’ kien hemm fil-financial statements u l-Kunsilliera bdew jistaqsu fejn kienu z-zewg laptop computers li semma Vella tghid Curmi. Din ix-xhud ikkonfermat li waqt il-laqgha kien prezenti wkoll l-imputat Cali’ u kompliet tghid li f’ dak l-istadju hadd ma kien jaf x’ kienu dawk il-computers, inkluz l-accountant. Svetlana Curmi spjegat ukoll li waqt dik il-laqgha l-Kunsilliera kollha kienu qablu li jiktbu lis-Sindku precedenti Nikki Dimech u lil Althea Borg, li kienet is-Segretarja tal-Kunsill fiz-zmien li nxtraw il-computers, sabiex jinghataw spjegazzjoni u nformazzjoni dwar dawn il-computers. Din ix-xhud kompliet tghid li l-ghada tal-laqgha tad-29 ta’ Settembru 2010, l-imputat Cali’ mar il-Kunsill b’ zewg laptops tal-marka Apple fejn huwa ta x’ jifhem li dawn kienu relatati mad-diskussjoni tal-invoices tal-gurnata ta qabel u spjegalha li l-laptops kienu ghand Martin Debono u ghandu u li huma kienu qed juzawhom ghax-xoghol tal-Kunsill. Fil-fatt hija ghamlet dikjarazzjoni (a fol 113 dok AG 19) fejn gie stabbilit li dawn iz-zewg laptops huma dawk msemmija fl-invoices u x-xiri tal-computer hardware and software. Curmi qalet li Cali’ spjegalha li l-laptops gew mghoddija minghajr hard drive ghaliex kienu nxtraw separatament. Hija kkonfermat id-dokument li jinsab a fol 75 u 76 li juri l-minuti mehuda minnha fejn gie spjegat li dawn iz-zewg computers gew ritornati lura lil Kunsill u fejn l-imputat Debono kien qal li l-hard drives huma ta’ Cali u tieghu minhabba li kienu nxtraw separatament minnhom. Hija kompliet tghid li ma kien hemm ebda spjegazzjoni ghala l-laptops ma dahlux fir-Registru tal-Kunsill bhala assets jew min fejn kienu inxtraw dawn il-computers.

Meta xehed l-accountant tal-Kunsill Christian Vella waqt l-udjenza tal-4 ta’ Novembru 2011 huwa qal li parti mix-xoghol tieghu jinvolvi rikonciljazzjoni tal-assi tal-Kunsill mal-invoices fejn jinzamm inventarju u cioe’ l-Plant Register tal-Kunsill. Fil-kaz tal-computers in dizamina huwa sab l-invoices (Dok. AG1 u 2) izda meta talab l-informazzjoni fuq il-computer hardware u software hemm indikat hadd ma kien f’ pozizzjoni jidentifika ghall-liema computers kienu jirreferu l-invoices liema invoices kienu redatti b’ mod generiku u ghalhekk waqt il-laqgha tal-Kunsill ix-xhud jghid li gibed l-attenzjoni dwar dan il-fatt u produca l-invoices. Ix-xhud spjega li l-ghada tal-laqgha rcieva telefonata minghand Svetlana Curmi fejn din qaltlu li dawk l-invoices kienu jirreferu ghal zewg laptops li gew ritornati lura lil Kunsill minghajr hard drive. In kontro-ezami Christian Vella kkonferma li fil-laqgha tal-Kunsill li saret fil-21 t’ April 2010 hemm imnizzel li kien prezenti u li f’ din il-laqgha gew approvati pagamenti ghax-xiri taz-zewg laptops in dizamina u gew esebiti c-cedoli tal-pagamenti taghhom. Huwa spjega li kien ikun prezenti waqt il-laqghat tal-Kunsill sabiex jispjega l-istqarrijiet finanzjarji.

Fl-istess udjenza xehed Mark Bugeja Awditur ma’ Grant Thorton li kkonferma Dok AG5 bhala l-audit report li sar minnu fuq il-Kunsill Lokali ta’ tas-Sliema fejn huma gew imqabda jaghmlu dan ix-xoghol min-National Audit Office. Ix-xhud spjega li meta kkompilaw Dok AG5 kienu raw diversi invoices u fosthom kien hemm zewg invoices li jirreferu ghal computer hardware u software u meta talbu sabiex jaraw dawn il-computers dawn ma kienux fl-ufficji tal-Kunsill. Huwa rrefera ghal paragrafu 2.6 tar-rapport rigwardanti memos li nhargu li jindikaw il-proceduri li kellhom jigu addottati meta jinxtraw oggetti tal-istess natura. Ix-xhud indika li fil-paragrafu 2.4 u 2.3 tar-rapport hemm referenza ghal fatt li kien hemm zewg computers li ma kienux fil-post tal-Kunsill u

kompla jghid li hadd ma kien kellem lill-imputati Cali' u Debono fuq dawn il-computers. Huwa zied jghid li n-nuqqasijiet ta' certu serjeta' jitnizzlu fl-Audit Report izda xi haga bhal din tnizlet biss fil-Management Letter ghaliex ma teffetwax is-sitwazzjoni finanzjarja.

Fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2012 xehdet Anthea Borg li hija Assistant Principal fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. Hija kkonfermat il-firem taghha fuq Dok AG1 u AG2 (minn fol 54 sa fol 64) precizament fuq fol 54, 57, 58, 63 u 64 u spjegat li meta ntalbet tokkupa l-pozizzjoni ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv hija ma kienet taf xejn fuq finanzi izda s-Sindku ta' dak iz-zmien Nikki Dimech kien qalilha li ser jigwidaha hu u hija fdatu minhabba li kien Awditur. Hija qalet li fuq l-invoices tax-xiri tal-laptop computers in dizamina kien kellimha l-imputat Cali fil-prezenza tas-Sindku Nikki Dimech u talabha tiffirma l-invoices fejn l-ewwel iffirmat l-invoice (a fol 55) u wara, l-purchase request form meta suppost sar bil-maqlub u wara l-karti gew mressqa quddiem il-Kunsill ghall-approvazzjoni. Hija kompliet tghid li Martin Debono kien gabilha d-dokumenti li jinsabu a fol 55 u 60 (li huma proforma invoice) fejn qalilha li ser jixtru zewg laptops tal-marka Apple u qalet li hija qatt ma rregistrat dawn il-laptops. Hija kompliet tghid li kienet tkellmet ma Marius Zulgis fejn spjegatlu li x-xiri ma setax isir permezz ta' direct order minhabba li l-valur kien jeccedi dak permess mir-regolamenti ghal direct order u huwa kien qalilha li kien ser jaghti discount sabiex din il-problema tigi sorvolata. Hija kienet qalet lil Zulgis li ma jistghux jinxtraw zewg affarijiet minghand l-istess supplier jekk ma jkunux ghaddew erba' xhur izda s-Sindku Nikki Dimech kien kellimha u qalilha tiffirma minhabba li s-supplier kien maghfus fil-flus u fil-fatt il-prezz tal-laptop computers kien gie mhallas b' cheques iffirmati minnha u minn Nikki Dimech. Ix-xhud spjegat li dawn il-computers kienu nxtraw minhabba li l-imputat Cali' kien

qieghed jaghmel progett tal-bandli u car park tahtu ghall-Kunsill filwaqt li l-imputat Debono kien qed jaghmel progett iehor ta car park. Hija kompliet tghid li meta dahlet is-Segretarja Ezekuttiva l-gdida Svetlana Curmi kienet qaltilha li z-zewg Kunsilliera kellhom zewg laptops ghandhom (a fol 281) u spjegat li meta giet mistoqsija mill-accountant u mill-awdituri kienet qaltilhom l-istess haga. Borg ziedet tghid li kienet semghet lil Martin Debono jitkellem mas-Sindku fuq l-Apple laptop computers u spjegat li fejn is-soltu kienu jitolbu tlett quotations f’ dan il-kaz kienu qalulha sabiex tohrog purchase request form li kellha titla’ l-Kunsill ghall-approvazzjoni u dan wara li kienu diga’ hargu l-invoices. In kontro-ezami (a fol 285) Borg qalet li l-imputat Cali’ kien urihom fuq pen drive ix-xoghol tal-car park tal-bandli u dan qabel ma nxtraw il-laptops. Hija kompliet tghid li l-progett ta’ Debono ma kinitx ratu u kkonfermat fil-fatt dak iz-zmien l-imputat Cali’ kellu jiehu hsieb kemm il-website tal-Kunsill kif ukoll il-magazine u li kien inxtara software partikolari sabiex huwa Cali’ jkun jista’ juzah ghal dan ix-xoghol. Dejjem skond din ix-xhud l-imputat Debono kien ghamel progett sabiex jigu rrangati l-premises tal-Kunsill.

Illi fl-udjenza tal-20 t’ April 2012 xehed Marius Zulgis li huwa computer support technician u supplier ta’ computer software u hardware li jezercita dan ix-xoghol permezz tat-trade name “Marius Mac Services”. Huwa qal li Dok AG1 (a fol 55 u 56) inhareg lill-Kunsill ta’ tas-Sliema ghal xiri ta’ computer Mac book Pro. Huwa zied jghid li kien avvicinah l-imputat Debono minhabba li kien diga’ jafu bhala klijent tieghu fejn qallu li l-Kunsill ta’ tas-Sliema kien interessat li jixtri xi computers tad-ditta Apple. Ix-xhud indika li hareg zewg invoices minhabba li kienet kwistjoni ta’ budget u fil-fatt kien ircieva telefonata minghand persuna femminili fi hdan il-Kunsill li qaltlu sabiex jibghat pro-forma invoice fejn kellu jikteb

computer hardware and software u huwa hekk ghamel. Huwa kien hareg zewg invoices datati 12 ta’ Frar u 12 ta’ Marzu 2010 u kkonsenja z-zewg computers li xtara minghand il-Klikk lill-imputati. Huwa fetahom quddiemhom u pruvahom sabiex jaraw li kienu jahdmu kif suppost u spjega li l-laptops kienu kompluti bil-hard disc. Huwa stqarr li fil-fatt minhabba li kien ghadu jibda x-xoghol u minhabba li kien ser jithallas f’ xahrejn u tahom il-prodott mill-ewwel l-imputati kienu tawh €25 Euro tip kull wiehed. Huwa kkonferma id-dokument li jinsab a fol 112 li hija invoice mahruga mill-Klikk.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Yves Bobby Cali’ xehed fl-udjenza tal-25 t’ Ottubru 2013 fejn qal li l-impjieg principali tieghu huwa ta’ designer izda ghal xi zmien huwa kien ukoll jokkupa l-kariga ta’ Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta’ tas-Sliema fejn huwa kien inghata l-inkarigu li jiehu hsieb il-magazine tal-Kunsill u flimkien mal-imputat Martin Debono kienu nghataw l-inkarigu li jaghmlu progetti tal-Kunsill sabiex b’ hekk il-Kunsill jiffranka l-flus u ghal dan il-ghan is-Sindku Nikki Dimech kien approva li jinxtraw zewg laptops sabiex jintuzaw minnhom ghal dawn il-progetti. L-imputat Cali jghid li din l-approvazzjoni ma tnizlitx fil-minuti tal-laqgha ghaliex ma kinitx procedura li approvazzjoni ghal xiri ta’ computers titnizzel fil-minuti. Huwa kompla jghid li mill-2007 sal-2010 kienu inxtraw sitt computers u qatt ma tnizzel xejn fil-minuti dwarhom. L-imputat Cali’ prezenta Dok. YC2 li juri x-xiri tal-computers li semma’ u minn fejn inxtraw. Huwa zied jghid li l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Nikolai Gauci u Sandra Camilleri kienu lkoll jafu fejn qeghdin il-computers li nxtraw ghalih u ghall-imputat

Dimech (vide voice numru 29 – 04 minutes 47 seconds)[3] u din il-haga ma gietx imnizzla fil-minuti ta' dik il-laqgha. Huwa kompla jghid li kien anki qassam ktejjeb tal-progett li kien qieghed jahdem fuqu sabiex kullhadd ikun jista' jikkummenta dwaru. L-imputat Cali' qal li fi Frar 2010,qabel ma nxtraw dawn il-laptops, kien ingieb computer tal-ghamla Acer izda dan ma kienx tajjeb bizzejjed ghax-xoghol li ried isir peress li s-software li ried juza' (Archicad) ma kienx kompatibbli liema programm kien jaqbel mal-Mac book Pro li huwa laptop aktar potenti. L-imputat Cali' spjega li wara li kien hemm l-approvazzjoni ghax-xiri tal-computers, Anthea Borg ghamlet l-ordni fl-ewwel erba' xhur tas-sena 2010 u impjegata tal-accountant Chris Vella dahlet l-informazzjoni dwar ix-xiri taghhom fil-ledgers (Dok YC6). Dejjem skond l-imputat Cali' meta ngabu il-computers Zulgis kien installa xi software u ghalhekk ma setghux kienu ssigillati kif qieghed jghid dan tal-ahhar. Huwa kompla jispjega li l-profitt li ghamel Zulgis kien ta' 4% u ma setax ikun li huma kien tawh hamsa u ghoxrin Euro cash bhala tip anki ghaliex skond l-invoice tal-Klikk il-computer kien gie jiswa 1139 Euro[4] u ma setax ghamel 4% profit ghax l-ammont kien ferm aktar. Huwa zied jghid li d-differenza fil-prezz hija dovuta ghall-fatt li parti huwa tal-Kunsill u parti huwa taghhom minhabba li kienu hargu flus zejda sabiex jinxtara malajr minhabba li kieku l-process kien jiehu fit-tul biex jinxtara. Huwa kompla jghid li fil-21 t' April 2010 il-Kunsill approva x-xiri u hlas ta' dawn il-computers fejn kien hemm anki prezenti l-accountant Chris Vella. Huwa prezenta dokument YC9 (schedule of payments) li gie approvat f' dik il-laqgha u spjega li ftit wara li tnehha Nikki Dimech minn Sindku lahqet Joanna Gonzi il-Kunsill

[3] Il-Qorti semghet dan ir-recording u hareg bic-car li ghalkemm il-lehen li qieghed jigi attribwit lil Dr. Joanna Gonzi, Kunsilliera qalet b' mod car li kullhadd kien jaf li kemm Yves Cali kif ukoll Martin Debono kellhom computer li qieghed ghandhom.

[4] Il-Kunsill kien hareg invoices ghal hlas ta' dawn iz-zewg computers ta' 1163 Euro. Marius Zurgis fix-xhieda tieghu kien qal li huwa kien ghamel profit ta' 4% minn dan il-bejgh. Illi ghalhekk l-invoice mahruga minnu kienet

rcieva memo dwar’ kif ghandhom jkunu registrati computers fl-assi tal-Kunsill (Dok YC10 memo 120/2010) u dwar l-uzu taghhom u dan il-memo gie diskuss fil-laqgha tad-29 ta’ Settembru 2010 fejn kien prezenti l-accountant Christian Vella. Waqt il-laqgha dan tal-ahhar kien semma xi l-invoices izda Cali’ jghid li huwa haseb li kienu qeghdin jitkellmu fuq zewg laptops ohra u mhux fuq dawk li kellhom ghandhom hu u Martin Debono u dan hasbu ghaliex kullhadd kien jaf li Martin Debono u hu kellhom il-laptops vide dok YC11). Wara l-laqgha Cali’ jghid li cempel lil Martin Debono sabiex jghidlu dwar il-memo u ftehmu li jiehdu l-laptops il-Kunsill sabiex dawn jigu registrati. L-imputat zied jghid li huma kienu hallsu ferm aktar minn dak li jiswa’ l-computer u ghalhekk Martin Debono kien qal li nzammet il-hard drive sabiex jithallas taghha. Huwa qal li ghalih dawn il-computers kienu sejrin jigu registrati u moghtija lura. F’ Jannar tal-2011 l-imputat spjega li Martin Debono u hu gew arrestati mill-Pulizija fuq allegazzjoni ta’ serq u uzu hazin tal-laptops fejn huwa dejjem baqa’ jinsisti li ma kien ghamel xejn hazin. Waqt ix-xhieda tieghu inqrat l-istqarrija li huwa ghamel mal-Pulizija (a fol 93). Huwa stqarr fiha li l-hard drive kienet inzammet bhala garanzija ghal-hlas zejjed li huma kienu hargu u zied jghid li fl-istess stqarrija huwa kien qal li kullhadd kien jaf li huwa ghandu l-computer in dizamina. Huwa kompla jghid li ghalkemm gara dak li gara huwa kompla jaghti servizz lill-Kunsill tant li ghamel progett li gie approvat mill-Kunsill u zied li qatt ma gie mitlub mill-Kunsill sabiex jirritorna xi affarijiet li huwa kellu fil-pussess tieghu.

In kontro-ezami Cali’ spjega li fil-fatt parti mill-prezz tal-computer thallas mill-Kunsill u parti minnu. Huwa zied jghid li l-prezz tal-computer kien ferm aktar gholi minn dak permess mid-direct order u huma hallsu d-differenza izda huwa ma kienx talab lill-Kunsill ghall-hlas tal-flus zejda li hareg. Huwa zied jghid li l-hard drive kienet inqalghet anki ghaliex

minhabba l-inkwiet u d-dizgwid li kien hemm fil-Kunsill dak iz-zmien beda’ jibza’ li setghu jitfghu xi haga fiha u mbaghad iwahlu fih. L-imputat nsista li l-laptop kien inxtara specifikatament ghall-uzu tal-progett li kien qed jahdem fuqu u minhabba s-software specjalizzat li seta’ jigi nstallat fih.

Fl-udjenza tat-12 ta’ Dicembru 2012 xehed l-imputat Martin Debono li qal li huwa Perit u li kien gie elett fil-Kunsill ta’ tas-Sliema ghan-nom tal-Partit Laburista. Huwa spjega li l-Kunsill kienu assenjawlu progetti partikolari dwar parkeggi, refurbishment u xogholijiet ohra relatati u x-xoghol kien jaghmlu minghajr hlas. Ghal dawn il-progetti huwa kien juza programm partikolari li kien Apple based (Archicad) u huwa esebixxa diversi progetti li kien ghamel bil-computer (dok MD1 sa dok MD5). Debono spjega (a fol 829) li kien avvicinah is-Sindku Nikki Dimech fejn qallu li kellu bzonn il-laptop personali tieghu halli juri l-progett lil terzi izda huwa ma xtaqx jaghtihulu peress li kien hemm informazzjoni personali fuqu u kien ghalhekk li s-Sindku ssuggerixxa li jinxtara computer iehor ghal dawn it-tip ta’ progetti. Din il-proposta tresqet quddiem il-Kunsill ghall-approvazzjoni fejn kien hemm prezenti Anthea Borg li kienet Segretarja Ezekuttiva dak iz-zmien. Il-Perit Debono jghid li huwa kien jaf lil Marius Zulgis jbiegh il-Mac computers u ghalhekk gie ordnat minghandu laptop computer li fuqu seta’ jintuza l-programm Archicad. Il-prezz ta’ dan il-laptop kien jaqbez id-direct order limit u l-imputat Debono jghid li gie konvint mis-Sindku sabiex johrog id-differenza fil-prezz minn butu. Meta l-imputat Cali’ sar jaf l kien inxtara dan l-computer gie deciz li jinxtara iehor ghalih ukoll peress li huma kienu jahdmu flimkien fuq dawn it-tip ta’ progetti u kien necessarju li juzaw l-istess software fuq sistemi li jaqblu u b’ hekk inxtara t-tieni laptop. L-imputat isostni li huwa kien insista ma’ Marius Zulgis li jindika li huwa kien hallas parti mill-prezz u

qallu sabiex jirranga kollox ma’ Anthea Borg u meta gew konsenjati il-laptops li ma kienux issigillati ghaliex gie nstallat fihom xi software Zulgis qal lill-imputat li kien ser jissetilja x-xoghol tal-karti ma’ Anthea Borg.

L-imputat Debono spjega li fiz-zmien li nqalghat il-kwistjoni tal-laptops fil-Kunsill kien hemm hafna inkwiet bejn Kunsilliera u huwa gie infurmat minn Bobby Cali’ li waqt laqgha tal-Kunsill issemma memo mibghut minn Martin Bugelli mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigwardanti l-htiega li laptops li ma jkunux fil-premises tal-Kunsill jridu jigu registrati u huwa ghalhekk ftiehem mal-imputat Cali’ sabiex jghaddi ghall-computer sabiex jiehdu l-Kunsill flimkien mal-laptop tieghu ghall-skopijiet ta’ registrazzjoni. L-imputat spjega li huwa ddecieda li jnehhi l-hard drive minhabba li beza’ li bhala konsegwenza tal-atmosfera ta’ glied li kien hemm fil-Kunsill setghu jpoggu xi haga fuq il-hard drive sabiex idahluh fl-nkwiet. L-imputat Cali’ informa lil Martin Debono li l-computers inzammu mill-Kunsill. L-imputat qal li tant kien hemm dizgwid fil-Kunsill li kien hemm diversi Kunsilliera li ffirmaw dokument sabiex Svetlana Curmi titnehha mill-kariga (Dok MD6). Huwa kompla jghid li waqt laqgha tal-Kunsill (numru 37 seduta tal-11 ta’ Mejju 2011, Dok MD7) huwa kien semma’ li jekk jaghtuh id-differenza fil-prezz li kien hareg ghall-laptop kien lest li jirritorna l-hard drive izda fil-fatt hadd ma talbu jirritornah. Il-Perit Debono qal li wara li gie arrestat u nterrogat mill-Pulizija[5] huma staqsewh ghall-kaxxa tal-computer u l-power supply u talbuh isib l-ircevuta tal-hard drive li kien xtara minghand l-Iscan. Waqt l-interrogazzjoni sar konfront ma’ Marius Zulgis fejn dan tal-ahhar semma

[5] Martin Debono (a fol 845) ta deskrizzjoni ta’ dak li huwa ddeskriva bhala intimidazzjoni fil-konfront tieghu meta gie arrestat ezatt wara laqgha tal-Kunsill, fejn inzamm arrestat u hadu gewwa l-lock up fejn ordnawlu li jinza kollox u huwa kien irrifjuta jaghmel dan. Minn hemm hu ttiehed lura ghand l-iSpettur Gafa biex jigi interrogat minnu. Huwa qallu li ma kienux affarijiet li jsiru u ghalkemm beda jipprova jwiegeb xi mistoqsijiet, l-iSpettur Gafa’ beda jghajjat mieghu u jghidlu li huwa kien giddieb (a fol 848). Huma bdew inizzluh u jtellghuh ‘il fuq minn gewwa l-lock up ghal ghand l-ufficju tal-iSpettur. Huwa kompla jiddeskrivi l-esperjenza li huwa kellu matul l-arrest tieghu (a fol 850). Meta gie biex jaghmel l-istqarrija kien ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet ghax hass li d-domandi kif bdew isiru bdew idawru l-fatti.

li kienu fil-fatt tawh xi flus zejda izda qal li dawk kienu tips. Wara li lesta mill-istqarrija haduh lura lejn ic-cella u nghata l-Police Bail (a fol 854 – 855) u meta rega' mar ikellem l-iSpettur gie infurmat li fuq il-hard drive ma nstab xejn u ma kien hemm xejn minn dak kollu li ntqal. L-imputat esebixxa diversi dokumenti ohra (Dok MD 9 recording ta' laqgha tal-Kunsill, Dok MD 10 li hija pjanta ta' fejn kienet tkun bil-qieghda Anthea Borg. invoice rigwardanti computer li nxtara minghand Marius Zulgis – Dok MD11, Dok. MD12 referenza ghall-computer li baqa' ma nstabx, Dok MD 13 konversazzjoni waqt laqgha li saret fil-25 ta' Mejju 2011li turi li Chris Vella kien ser jinvestiga dwar dan il-computer li ma nstabx, Dok. MD 14 silta mir-recording fejn is-Sindku Joanna Gonzi tinstema' tghid li trid toqtol lill-ohrajn). L-imputat kompla jghid li kuntrarjament ghal dak li qalu Svetlana Curmi u l-iSpettur Gafa' ix-schedule of payments ma kienux jigu approvati kollha mill-Kunsill minghajr mistoqsijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern il-Qorti kienet rinfaccjata b' atti processwali voluminuzi (erba' volumi bi kwazi elf pagna), u semghet ammont ta' xhieda mhux hazin qabel ma setghat tasal ghall-prolazzjoni tas-sentenza. Il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza inondaw lill-Qorti bi provi dokumentarji u provi ohra li jew kienu ancillari jew ftit li xejn kellhom x' jaqsmu mal-vertenza odjerna u l-Qorti kellha ghalhekk tadopera hafna hin sabiex tislet il-fatti u l-provi li effettivament kienu rilevanti ghall-imputazzjonijiet li ghandha quddiemha u wara li sar dan l-ezercizzju jista' jinghad li l-perm tal-kaz kollu m' huwiex daqstant kumpless u jirrivolvi dwar jekk iz-zewg imputati kellhomx il-go ahead, l-approvazzjoni u l-kunsens tal-Kunsill Lokali sabiex jaghmlu uzu miz-zewg laptop computers li jiffumaw il-mertu tal-kaz odjern u x' tip ta' uzu ghamlu minnhom.

Illi l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputati jirrigwardaw ir-reati ta computer misuse, aproprijazzjoni indebita u mizapproprijazzjoni minn ufficjal pubbliku.  L-Avukat Generali fil-fatt fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 ta’ Ottubru 2012 indika li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti taz-zewg imputati taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 337D(a), 337F(2), 337D(b), 337F(2), 293, 294 u 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tara jekk il-fatti ta dan il-kaz jinkwadrawx ruhhom f’ dawn ir-reati u jekk tirrizultax ir-rejita’ fil-konfronti tal-imputati

**Ir-Reat tal-Approprazzjoni Indebita.**

Illi l-imputazzjoni principali moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputati hija dik abbazi ta-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ aproprijazzjoni bla jedd.

Illi r-reat tal-aproprijazzjoni indebita huwa kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. l-Artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni kriminali hija mehtiega l-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-Artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-Pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Fir-rigward ta’ dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-21 ta’ Novembru 1952 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Cauchi fejn intqal hekk:

> *“Ghad-delitt t’approprazzjoni ndebita, jinhtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata, konversjoni u hemm konversjoni*

*inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok, hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Alfred Grima u Henry Micallef gie stabbilit li r-reat t' approprazzjoni ndebita ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu tlett elementi ntrinsici u cioe':

*"li min ikun zamm il-flus jew oggetti ghalih, ikun;*

1. *ha flus jew haga ta' haddiehor li jkunu gew fdati jew ikkunsinnati lilu;*
2. *taht titolu li jgib mieghu l-obbligu ta' radd tal-flus jew haga, jew li jsir uzu specifikat minnhom; u*
3. *approprja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra".*

Illi anki fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet sabiex telenka l-elementi essenzjali li jsawru dan ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ssir ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marbeck Cremona fejn il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) f' sentenza tal-15 ta' Frar 2007 qalet is-segwenti:

> *"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*
>
> *1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.*
>
> *2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*
>
> *3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*
>
> *4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga cioe' japproprja ruhu minnha, jew ibiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*
>
> *5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"*

Ili l-awtur tar-reat in dizamina irid ghalhekk ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jipposjedi ghal ghan specifiku, jigi mdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor. Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)13*

Illi f' sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tispjega b' mod semplici l-elementi ta' dana r-reat:

> *"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent*

*dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat."*

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghall-kummissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Siegfried Borg Cole** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita' e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi*

> *ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi din l-espozizzjoni legali tar-reat in dizamina tindika li l-element principali ta' dan ir-reat hija l-intenzjoni specifika li l-persuna li tkun giet fdata b' oggett mobbli, li f' dan il-kaz huma z-zewg laptop computers, taghmel uzu differenti minn dak miftiehem bejn il-partijiet u specifikat

minn min jikkonsenja l-oggett, f’ dan il-kaz il-Kunsill Lokali. Is-semplici uzu tal-oggett mhux bizzejjed sabiex jissussisti dan ir-reat izda il-persuna fdata bil-haga irid ikollha l-hsieb li taghmel dak l-oggett taghha u li taghmel uzu minnu bhala s-sid tieghu u bi profitt ghaliha jew ghal haddiehor.

Illi minn ezami tal-provi prodotti f’ dan il-kaz jirrizulta li fil-fatt il-Kunsill Lokali kien xtara z-zewg laptop computers tal-ghamla Mac Pro minghand Mario Zulgis.  Hemm kontestazzjoni dwar il-fatt jekk gewx segwiti r-regoli dwar ix-xiri tal-laptops permezz ta direct order fejn l-accountant tal-Kunsill Christian Vella semma’ li x-xiri ta’ dawn il-computers kien kontra r-regoli stabbiliti dwar kif ghandhom jinxtraw oggetti bhala direct order minhabba li l-erba’ xhur stipulati li ghandhom jghaddu meta oggetti jinxtraw minghand l-istess fornitur ma kienux ghaddew filwaqt li l-imputati jsostnu altrimenti.  Din l-Qorti izda mhux ser tidhol fil-mertu ta’ din il-kwistjoni ghas-semplici raguni li ebda wiehed mill-imputati ma huwa akkuzat li ma segwiex tali proceduri.  Christian Vella qal li matul il-laqgha tal-Kunsill tad-29 ta Settembru 2010 kien gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li kien hemm invoice fejn inxtara computer hardware u software izda il-computers relattivi ma kienux jidhru fil-Fixed Asset Register tal-Kunsill u ried li jkun jaf ezatt ghall-liema computers kienet qed tirreferi l-invoice.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-ghada tal-laqgha Svetlana Curmi li dak iz-zmien kienet Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill infurmatu li l-invoices kienu jirreferu ghal zewg laptops li kienu ghand l-imputati odjerni u li kienu gew ritornati minnhom minghajr hard drive dakinhar stess sabiex jigu registrati. Min-naha taghhom kemm l-imputat Cali’ kif ukoll Debono jsostnu li huma kellhom il-computers fil-pussess taghhom u li dan sar bl-

approvazzjoni tas-Sindku Nikki Dimech u li dawn kienu ghandhom sabiex jaghmlu xoghol minghajr hlas relatat mal-Kunsill fuq progetti li huma kienu involuti fihom. Mill-assjem tal-provi rrizulta minghajr ombra ta’ dubju li fil-Kunsill Lokali ta’ tas-Sliema kien hemm atmosfera xejn felici ta’ suspetti u komplotti bejn Kunsilliera. Ghalkemm hareg mill-minuti tal-laqgha tad-29 ta’ Settembru 2010 li kien hemm diskussjoni dwar l-invoices relatati max-xiri tal-laptops minhabba li saret referenza ghalihom mill-Awditur u fil-laqgha kien hemm ukoll l-imputat Cali’ li ma qal xejn dwar dawn il-laptops hareg ukoll minn diversi recordings tal-laqghat tal-Kunsill (vide Dok. SFS 1 a fol. 207 et sequitur u Dok. SFS3 a fol. 314) li mhux kull ma kien jinghad fil-laqghat kien qieghed jitnizzel fil-minuti. Mid-dokumenti esebiti fl-atti jidher li fil-fatt fil-laqgha tal-21 t’ April 2010 il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-invoices rigwardanti x-xiri tal-laptops.

Illi hemm provi kontrastanti dwar il-fatt jekk fil-verita’ dawn iz-zewg laptop computers kienux gew mghoddija lill-imputati mill-Kunsill ghal xoghol specifiku relatat ma’ progetti tal-Kunsill fejn min-naha wahda kemm Christian Vella u Svetlana Curmi jichdu b’ mod kategoriku li huma kienu jafu li l-laptops kienu ghand l-imputati u l-imputati li jghidu mod iehor. Il-Qorti setghat tinnota li mill-provi rrizulta li Christian Vella kien prezenti fil-laqgha tal-21 t’ April 2010 fejn gew approvati l-invoices rigwardanti l-hlas tal-laptops u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif wara ftit xhur meta l-istess invoices regghu gew diskussi mill-Kunsill l-istess xhud qal li ma kien jaf xejn dwarhom. Il-Qorti setghat tinnota wkoll li ghalkemm Svetlana Curmi kkonfermat li ma kienet taf xejn dwar il-laptops, Anthea Borg li kienet Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill fiz-mien li nxtraw il-laptops qalet li kienet taf li Cali’ u Debono kellhom dawn il-laptops fil-pussess taghhom minhabba li kienu nvoluti fi progetti partikolari tal-

Kunsill u li kien anki nxtara software appozitu sabiex jigi uzat fuqhom. Anthea Borg inoltre qalet li hija kienet ghaddiet din l-informazzjoni kemm lil Svetlana Curmi kif ukoll lil Christian Vella u spjegat li meta bdiet tokkupa l-inkarigu ta’ Deputat Segretarju Ezekuttiv hija ma nghatatx training u ghalhekk ma haditx hsieb certu xoghol li kien jaqa’ taht ir-responsabilita’ tas-Segretarju Ezekuttiv. Ghalkemm mill-provi rrizulta li meta gie approvat ix-xiri tal-laptops dawn ma gewx registrati fil-kotba tal-Kunsill jidher li x-xiri taghhom mill-fondi tal-Kunsill u l-uzu relattiv miz-zewg imputati sar bl-approvazzjoni tal-Kunsill ghaliex irrizulta li l-pagament ghalihom gie debitament approvat mill-istess Kunsill u rrizulta wkoll li diversi membri fi hdan il-Kunsill kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv fiz-mien li nxtraw u gew konsenjati lill-imputati kienu jafu li l-laptops qeghdin ghand l-imputati u ghall-liema skop kienu ghandhom. Fir-recordings li gew esebiti fl-atti, wahda mill-Kunsilliera tinstema’ tghid b’ mod car li kullhadd kien jaf li Cali’ u Debono kellhom il-laptops ghandhom sabiex juzawhom in konnessjoni mal-progetti tal-Kunsill li kienu nvoluti fihom u li l-fatt li certu nies li kienu qed jghidu li ma kienux jafu kien ghaliex huma ma kinux jattendu l-laqghat. Dan il-punt ma jirrizultax imnizzel fil-minuti tal-laqgha indikata.

Illi x-xhieda ta’ Anthea Borg, kif ukoll ir-recordings tal-laqghat u d-dokumentazzjoni appena citata lkoll jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija miz-zewg imputati u jindikaw li x-xiri u l-uzu tal-laptops da parti taghhom sabiex jaghmlu uzu determinat sar bl-approvazzjoni u kunsens tal-Kunsill. Il-Qorti inoltre setghat tikkonstata li ma ngabet ebda prova li tindika li l-imputati ghamlu xi uzu differenti minn dak specifikat mill-Kunsill. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni l-anqas ma rnexxielha tipprova li l-imputati kellhom l-intenzjoni li jzommu l-laptops u jiddisponu minnhom kif iridu huma jew li huma b’ xi mod trasferewhom jew

krewhom lil haddiehor jew altrimenti uzawhom sabiex jaghmlu qliegh minnhom.. L-imputati dejjem sostnew li minhabba l-fatt li huma hallsu parti mill-prezz ghax-xiri tal-laptops minn buthom huma zammew il-hard drive ghandhom meta hadu l-laptops sabiex jigu registrati. F’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-awtur Maino u cioe:

> “*Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito;*

Il-Qorti setghat tinnota li waqt il-laqgha tad-29 ta’ Settembru 2010 ma jirrizultax li l-imputat Cali’ qal xi haga dwar il-laptops meta giet sollevata l-kwistjoni izda kif diga’ gie ndikat aktar il-fuq mill-provi hareg ukoll li mhux dak kollu li kien jinghad fil-laqghat kien jitnizzel fil-minuti u inoltre l-imputat spjega li huwa dak l-hin ma ndunax li kienet qed issir referenza ghall-laptops li huwa u l-imputat Debono kellhom fil-pussess taghhom proprju ghaliex huwa kien jaf li dawk prezenti kienu a konoxxenza tal-fatt li l-Perit Debono u hu kellhom il-laptops fil-pussess taghhom. L-imputati inoltre hadu l-laptops il-Kunsill sabiex jigu registrati l-ghada stess tal-laqgha proprju ghaliex fl-istess laqgha saret referenza ghall-memo ta Martin Bugelli rigward il-htiega li oggetti immobli jinstabu barra l-premises tal-Kunsill jigu registrati fil-Fixed Asset Register tal-istess Kunsill. Ghalkemm il-Qorti jidrilha li l-imputati ma kellhomx jaqilghu il-hard drives meta hadu l-laptops sabiex jigu registrati ghaliex se mai jekk kellhom xi pretensjonijiet dwar ammonti li hallsu minn buthom dawn kellhom jigu ndirizzati mod iehor izda l-Qorti jidrilha wkoll li ma jistax jitqies li f’ dan il-kaz jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex

jissussisti r-reat ta' aproprijazzjoni indebita ghaliex il-laptops in kwistjoni nxtraw bil-kunsens tal-Kunsill u l-pagament ghalihom mill-fondi tal-Kunsill gie debitament approvat mill-istess Kunsill, ghaliex ma giex pruvat li l-imputati ghamlu uzu differenti mill-laptops minn dak specifikat mill-Kunsill u ghaliex l-anqas ma gie pruvat li huma ghamlu xi gwadann minn dal l-uzu, jekk xejn kien l–istess Kunsill li ghamel tali gwadann ghaliex huma uzaw il-laptops sabiex jahdmu fuq progetti tal-Kunsill.

**L-imputazzjoni abbazi tal-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9**

L-istess konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti sabiex l-imputati ma jinstabux hatja tar-reat ta' aproprijazzjoni indebita japplikaw ukoll in kwantu jirrigwarda r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 127 fejn id-*dolo* mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b' abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif jghid il-Professur Mamo:

> "*Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain*."

> *"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted*

> *by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."*

Jidher ghalhekk illi l-*mens rea* fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b' mod frawdolenti sabiex b' hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess. Illi kif intqal aktar 'l fuq fil-kaz odjern ma gietx pruvata l-intenzjoni specifika li l-imputati jaghmlu xi forma ta' qliegh. Lanqas ma gie pruvat li huma ghamlu uzu hazin jew frawdolenti tal-laptops fil-pussess taghhom sabiex jiksbu xi vantagg personali. Bl-ebda mod ma rrizulta pruvat li l-imputati akkwistaw il-*laptops* ad insaputa tal-membri tal-Kunsill u bi flus tal-Kunsill sabiex jaghmlu uzu personali u jiksbu vantagg ghalihom. Fil-kaz odjern l-imputati rnexxielhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli li huma akkwistaw il-laptops wara d-debita approvazzjoni tal-Kunsill ghal skop ta' xoghol konness ma' progetti tal-istess Kunsill. Il-Qorti jidrilha li ghandha tirrileva li min-natura tieghu l-*laptop* huwa intiz ghall-uzu flessibli u sabiex jingarr u jintuza f' postijiet differenti u mhux f' post fiss. L-imputati ghalhekk fil-kapacita' taghhom ta' Kunsilliera qed jaghmlu xoghol fuq progetti tal-Kunsill kienu gustifikati li jutilizzaw il-laptops f' darhom. Fil-gurnata tal-llum fuq kollox laptop huwa ghodda essenzjali ghal persuni li qed jaghmlu certu tip ta' xoghol bhal dak li kienu qed jaghmlu l-imputati fuq bazi part time ghal-Kunsill u minghajr hlas u kien jaghmel sens li huma jkollhom access u uzu ghal din l-ghodda anki f' darhom. Fil-fatt fil-Memo bin-numru 120/2010 dwar uzu ta' l*aptops* mahruga mill-Ufficju tal-Prim Ministru u iffirmata minn Martin Bugelli bhala Direttur Generali tal-Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika jinghad testwalment hekk:

> "*Laptop mixtri mill-Kunsill Lokali huwa proprjeta tal-Kunsill u ghaldaqstant, malli jinxtara dan ghandu jiddahhal fl-inventarju tal-Kunsill. Pero in-natura u l-iskop ta' laptop huma l-possibilita' tieghu li jingarr u jkun jista' jintuza' f'iktar minn post wiehed kemm bhala stand alone, kif ukoll b'konnessjoni permezz ta' network jew ta wifi.*
>
> *Ghaldaqstant hija haga naturali li jista' jintuza ghal xoghol tal-Kunsill barra mill-premises tal-Kunsill, dejjem sakemm ikunu sodisfatti z-zewg kriterji segwenti:*
>
> *1. Il-laptop dejjem jibqa' jidher bhala wiehed mill-assi tal-Kunsill Lokali u;*
>
> *2. il-laptop ikun registrat ghand is-Segretarju Ezekuttiv bhala li qieghed jintuza mis-Sindku barra mill-ufficcju.*
>
> *Is-Sindku jassumi r-responsabbilta' tal-laptop waqt li jkun fil-pussess tieghu/taghha barra mill-bini tal-Kunsill Lokali*".

Fil-kaz odjern ghalkemm jidher li dawn il-kriterji mhux kollha gew osservati meta nxtraw il-laptops dan ma jfissirx li tirrizulta r-rejita' ghall-imputazzjoni in dizamina. Jerga' jigi rilevat li l-istess Anthea Borg qalet li hija ma kelliex training adegwat meta hadet il-kariga ta' Deputat Segretarja Ezekuttiv u ghalhekk ma kinitx a konoxxenza tal-proceduri kollha li kellhom jigu segwiti. Hija izda rribadiet li ghalkemm il-laptops ma gewx registrati fl-assi tal-Kunsill hija kienet taf ghand min qeghdin tant li kienet infurmat lil haddiehor meta tat handover. Din il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputati l-anqas ma jistghu jinstabu hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali.

**L-imputazzjoni abbazi tal-Artikolu 337D (a) u (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artikolu 337D (a) jipprovdi bil-mod segwenti:

> Kull persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu –
>
> (*a*) timmodifika tagħmir jew provvisti tal-*computer* li jintużaw jew li huma maħsubin li jintużaw f'xi *computer*, sistema ta' *computer* jew *computer network*;

Kif diga' gie indikat aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza dan il-kaz jirrigwarda uzu ta' laptops u ghalhekk mhux sistema ta' computer jew computer network kif stipulat fl-Artikolu 337B (1). Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni hareg bic-car li ma kien hemm ebda modifika ta' xi taghmir jew inkella ta' provvisti tal-computer. Illi din il-Qorti taqbel mad-Difiza li d-definizzjoni tal-kelma 'timmodifika ghandha tinghata tifsira ristretta gialadarba l-Legislatur ma ta' ebda definizzjoni dwar x' tip ta modifiki kien qed jirreferi ghalihom. Illi fil-laqghat numru 57 u 58 (tat-28 ta' Novembru 2000 u tal-4 ta' Dicembru 2000) tal-Kumitat Permanenti ghal Konsiderazzjoni ta' Abbozzi tal-Ligi, ma' sar ebda accenn ghat tifsira tal-kelma '*modifikazzjoni'*. Illi ghalhekk din l-Qorti ser taddotta t-tifsira restrittiva tal-kelma u tara jekk mill-provi jirrizultax li b' xi mod l-imputati bidlu xi haga fit-taghmir jew provvisti tal-computer. Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mill-analizi li saret tal-hard drives ma jirrizultax li kien hemm xi taghmir u cioe' hardware jew

software jew inkella provvisti tal-computer li gew modifikati b' tali mod li effetwaw l-operat tal-computer u jsegwi ghalhekk li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni.

**L-imputazzjoni abbazi tal-Artikolu 337D (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artikolu 337D (b) jipprovdi hekk:

> (*b*) tieħu pussess ta', tagħmel ħsara fi jew teqred xi *computer*, sistema ta' *computer, computer network*, jew provvisti ta' *computer* li jintużaw jew huma maħsubin li jintużaw f'xi *computer*, sistema ta'*computer* jew *computer network* jew tħassar it-tħaddim ta' xi wieħed minnhom.

Il-Qorti setghat tikkonstata li meta giet ippublikata l-White Paper *"On the Legislative Framework for Information Practices"* li in forza taghha sar l-Abbozz u wara l-Att fejn gew introdotti l-artikoli tal-Ligi li jirrigwardaw il-c*omputer misuse* f' pagna 31 hemm indikat is-segwenti:

> *"Modification or destruction of computer equipment is considered an offence. Although destruction of property is an offence of long standing and already catered for in existing legislation, it is believed to be appropriate to make such a provision. Even though the equipment in question may be of small intrinsic value, the resulting damage caused by the impairment of the system may be great"*

Illi minn dan il-paragrafu jidher li fir-reati tal-computer misuse l-accenn

huwa li l-hsara jew modifika tal-computer irid ikun tali li b’ xi mod ihalli effett negattiv fuq is-sistema fejn qieghed isir l-uzu u cioe’ li kwalunkwe modifikazzjoni kemm ta’ hardware jew software sejjer jikkaguna hsara rreparabbli fuq sistema bhal per ezempju t-tehid jew distruzzjoni ta’ server li huwa l-mohh ta’ computer network. Fl-istess rapport tal-Kumitat Permanenti ghal Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi tal-Ligi jissemma li meta gew biex jidhlu fis-sehh dawn l-artikoli fil-Kodici Kriminali sar studju tal-Wisconsin Criminal Code (Art 943.70) kif ukoll tal-Computer Misuse Act 1990 tal-Ingilterra u dik tal-Malaysia izda hafna mill-artikoli gew influwenzati mill-provvedimenti tal-Wisconsin Criminal Code. Illi fl-Artikolu 943.70 tal-Wisconsin Criminal Code hemm accenn ghal reati li jaqghu taht l-Artikolu 337D (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u jistabbilixxi li sabiex ikun hemm dan it-tip ta’ reati l-awtur irid jagixxi “*willfully, knowingly and without authorization*”. Fil-Ligi taghna “*without authorization”* hija bizzejjed sabiex jitwettaq dan ir-reat. Illi jekk jigi pruvat li hadd ma ta awtorizzazzjoni sabiex issir x haga hekk msemmija fl-artikolu 337D (b) allura m’ hemmx bzonn li jkun hemm l-intenzjoni specifika li persuna jaghmel xi hsara fuq il-computer.

Din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk fil-kaz odjern l-agir tal-imputati kienx jammonta ghal xi wiehed minn dawk l-aspetti msemmija fl-artikolu 337D (b). L-ewwel element tar-reat imsemmi fl-Artikolu 337D (b) huwa l-pussess ta’ tali computer minghajr awtorizzazzjoni. Gie ormai stabbilit li l-laptop computers in dizamina kienu qeghdin ghand l-imputati ghal skop ta’ xoghol tal-Kunsill u cioe’ progetti li huma t-tnejn kienu responsabbli ghalihom. Illi inoltre ma jistax jinghad li ma kienx hemm awtorizzazzjoni sabiex dawn il-laptop computers ikunu fil-pussess taghhom kif jirrizulta minn dak li qalet Anthea Borg u anki mir-recordings ta’ wahda mill-laqghat li saret fil-Kunsill fejn jinghad li kullhadd kien jaf li dawn il-

computers kienu ghand l-imputati. Illi ghalhekk f’ dan il-kaz ma jirrizultax li l-laptop computers kienu ghand l-imputati minghajr awtorizzazzjoni.

Element iehor ta’ dan ir-reat huwa l-hsara jew il-qerda tal- computer li fil-fehma tal-Qorti bl-ebda mod ma jirrizulta li saru. Il-fatt li tnehhiet hard drive minn dawn il-computers per se bl-ebda mod ma tindika li fil-fatt dawn il-computers kellhom xi hsarat jew li nqerdu bhala konsegwenza. L-ezami li sar da parti tas-Cyber Crime Unit wera bic-car li ma kien hemm ebda problemi fl-operat tal-hard drives li gew mghoddija mill-imputati lill-Pulizija.

Illi l-ahhar element ta’ dan ir-reat huwa l-impairment tas-sistema. Wiehed irid ghalhekk jara jekk it-tnehhija tal-hard drive jammontax ghat-thassir tat-thaddim tal-computer (it-text Ingliz jitkellem fuq *impairment*). Il-Legislatur ma offra ebda definizzjoni tal-kelma thassir tat-thaddim tal-computer u isegwi li ghandha tinghata definizzjoni restrittiva ta din il-kelma. F’ dan ir-rigward il-Qorti setghat tinnota li ma ngabet ebda prova teknika li tindika li l-laptop computers wara li tnehhiet il-hard drive soffrew xi hsara. Illi fin-nuqqas ta’ tali prova u fid-dawl tal-fatt li ma ngabet ta’ ebda prova ohra li turi li dawn il-laptop computers soffrew xi hsara fit-thaddim taghhom u li setghat b’ xi mod teffetwa l-operat tal-Kunsill, din il-Qorti l-anqas ma tista’ ssib hija ghal din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------